# 80.  Il-Bejjiegħa tar-Ranċis

Hekk kif ħallejt id-Dwejra u sibt quddiemi
il-wilġa ta' l-Imġarr bil-knisja kbira
tilma quddiem ġewwa s-sebħ u d-dija
ta' ġol-punent,

Ġew żewġt itfal raħlin b'wiċċhom daħkani,
wieħed liebes flokk aħmar, l-ieħor ikħal,
u t-tnejn riedu jbigħuli ħodon ċkejken
ta' ranċis abjad,

Ranċis li kienu qatgħu minn l-egħlieqi
tal-Palma u ta' l-Imtaħleb u tal-Pwales,
u dawk ta' san Martin, ilkoll imdawla
b'dawl il-punent.

Mulej għad jasal jum li fih inħalli
il-ħabs tal-Purgatorju u f'tarf il-wilġa
tas-saltna tal-henjin nasal ma' l-Anġlu
tar-rwejħa tiegħi,

U kif quddiemi nilmaħ ġewwa d-dija
tat-tron tad-dawl Lilek fi Tliet Persuni
ninstabat fl-art, imnixxef mill-qdusija
li toħroġ minnek;

Nistħajjel dak il-ħin illi tibgħatli
żewġt itfal żgħar bħal dawn li hawn quddiemi,
wieħed liebes flokk aħmar, l-ieħor ikħal,
biss dawk ikollhom

Kull wieħed erba' ġwienaħ lewn il-fidda,
u t-tnejn joffruli bukkett fjuri bojod
minn dawk li qatgħu mill-egħlieqi mdawla
tal-ġenna tiegħek,

U jien nagħmel il-qalb u bil-fjur f'idi
nersaq għal Ħdejk, fil-waqt li l-kori mqaddsa,
mibnija fuq xulxin, bħas-sħab tas-sema,
jgħannu t-Te Deum.